**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 69 – IT-TNEJN, 13 TA' ĠUNJU 2016 FIS-5.55PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |

Is-Sinjura Marica Bayliss infurmat lill-Kunsill li s-Sur David Dalli sellem għall-membri tal-Kunsill.

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 67**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Approvazzjoni Minuti Numru 68**

2.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Punti mtella mill-Minuti 67**

3.1 Is-Sur Dominic Cassar tkellem fuq punti numru:

3.1.1 4.4 Ġie innutat li TM ikkonferma li Triq is-Sardinell mhux possibbli ssir "Residents Only"

3.1.2 4.11 Informa lill-Kunsill li hemm resident lest jieħu ħsieb guva ġdida jekk din issir fi Ġnien Santa Margerita. Is-Sur Cassar għandu jagħmel kuntatt miegħu.

3.1.3 5.2 Il-Kunsill innota li TM mhux ser tneħħi tliet siġar minn Vjal ir-Riħan fuq insistenza tal-Kunsill biex timplimenta traffic management ġdida fi Vjal ir-Riħan. Kien hemm qbil unanimu fuq il-proposta ta' TM rigward dan it-Traffic Management.

3.1.4 6.1.1 Il-Kunsill innota li twaħħlu l-bozoz il-ġodda fi Triq il-Bosfru u Triq Antonio Schembri.

3.2 Is-Sinjura Joan Farrugia tkellmet fuq punti numru:

3.2.1 2.1 Ghad hemm marki tat-toroq x'isiru fi Triq Sant'Antnin. Ġie deċiż li ssir site visit mas-Sur Dominic Cassar biex isir dan ix-xogħol.

3.2.2 4.1 Ġiet innutata li l-expression of interest ser tagħlaq il-Ġimgha, 17 ta' Ġunju 2016.

3.2.3 6.1.3 Irrimarkat li din is-siġra tneħħiet wara 5 xhur. Talbet biex kull talba biex titneħħa siġra għandha tiġi ttrattata bl-istess proċedura. Għandha tiġi approvata policy fuq talbiet bħal dawn.

## 4 Punti mtella mill-Minuti 68

4.1 Ma kienx hemm punti mtella

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jkun hemm sospensjoni tal-agenda u jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 5 Pagamenti Numru 60

5.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 6 Komunikazzjoni mis-Sindku

6.1 Is-Sindku ressaq korrispondenza li tindika l-progress li qed isir fuq l-applikazzjoni tal-proġett ta' Ġnien Karin Grech.

6.2 Ġie innutat l-appell bil-Qorti mill-Kumpanija Galea Cleaning Solutions rigward deċiżjoni tal-PCRB li terġa' tinħareġ it-tender għal ġbir ta' skart domestiku.

6.3 Is-Sindku tkellem fuq il-proposta li jiġi mibni mill-ġdid Misraħ il-Ward. Hu innota korrispondenza minn residenti fejn għandhom informazzjoni żbaljata li żgur twasslet lir-residenti minn membru tal-Kunsill. Hu fakkar li din il-pjanta tressqet quddiem il-Kunsill darbtejn fejn ġiet approvata unanimament. Minkejja dan, hu xorta ser jitlob lill-Perit tal-Kunsill biex jissospendi l-applikazzjoni sakemm tittieħed direzzjoni.

## 7 Korrispondenza

.

7.1 Ġiet innutata kompetizzjoni għal European Mobility Week. Ġie deċiż li ma nieħdux sehem f'din.

7.2 Kien hemm diskussjoni rigward talba biex isiru U bollards adverts għal Dental Clinic. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tiġi aċċettata din it-talba fejn hi possibbli li jsiru. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm 4 favur u 2 kontra.

7.3 Kien hemm diskussjoni rigward il-membership fee għall-Kunsill ta' San Ġwann għal MAGF 2014-2020. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jitħallas il-membership. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm 5 favur u 1 kontra.

7.4 Kien hemm diskussjoni rigward talba mill-Għaqda Pioteknika għal No Objection għan-nar tal-art u għall-kontribut għall-fire engine. Kien hemm qbil unanimu għal No Objection u biex nikkontribwixxu 400 Ewro għall-fire engine.

7.5 Kien hemm diskussjoni rigward talba mill-Għaqda Filarmonika Madonna ta' Lourdes biex jagħmlu toqob fi Triq il-Kappella u Triq iċ-Ċiklamini bil-covers għall-użu waqt il-festa. Kien hemm qbil fuq dan sakemm l-ispejjeż isiru mill-Għaqda.

7.6 Kien hemm diskussjoni rigward talba biex isiru U bollards adverts ghal Lourdes Pharmacy. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tiġi aċċettata din it-talba fejn hi possibbli li jsiru. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm 4 favur u 2 kontra.

7.7 Ġiet innutata talba mill-Mobile Blood Donation Unit biex jipparkjaw quddiem Rausi. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni imma għandu jiġi kkomunikat li din is-sit tagħmel mal-Malta Industrial Parks.

**8 Affarjiet Oħra**

8.1 Is-Sur Dominic Cassar tkellem fuq:

8.1.1 Bżonn li tiġi rranġata madwar 4 metri bankina fi Triq il-Qasab, jinbidlu żewġ filati ġebel fi Triq Santa Margerita u jsir patching fi Triq il-Kappella u Triq iċ-Ċawl. Kien hemm qbil li jsir dan ix-xogħol. Għandha tinġabar stima tax-xogħol mill-kuntrattur tal-Kunsill. Kienn hemm qbil ukoll li jinxtraw stensils għall-marki tat-toroq għal STOP U SLOW.

8.1.2 Talab ukoll biex Triq il-Fuxa tinfetaħ għal Triq in-Naxxar. Kien hemm qbil li din ma tiġix aċċettata. Kien hemm qbil li ssir talba lir-Restoration Unit tal-Works Division biex isir restawr fuq l-istatwa tal-Madonna li tinsab quddiem il-Kappella tal-Mensija. Talab ukoll biex it-tabella tax-Shakers tidħol ftit il-ġewwa minħabba li qed tkun ta' osstuzzjoni għal min ikun qed jistenna tal-;inja.

8.1.3 Is-Sur Cassar tkellem ukoll fuq ilment li rċieva fejn il-latrina qed tagħlaq kmieni u l-attendent mhux qed ikun preżenti fuq bażi regolari. Is-Sinjura Marica Bayliss ma qabilx ma’ dan l-ilment għaliex dejjem sabet attendent preżenti.

8.1.4 Kien hemm qbil li tintalab għal laqgħa ma’ TM minħabba x-xogħliet pendenti li għad hemm wara x-xogħol ta' resurfacing li sar fil-lokal.

8.2 Is-Sinjura Joan Farrugia tkellmet fuq:

8.2.1 il-laqgħa li saret mal-Arts Council of Malta fejn hemm fondi għall-attivitajiet kulturali. Il-Kunsill għandu jsegwi biex issir attività fis-sena 2017.

8.2.2 talba ukoll għall-mera fi Triq Naxxar kantuniera ma’ Triq Bernardette. Wara diskussjoni ġie deċiż li ssir talba lil TM meta l-Kunsill jiltaqa’ magħhom. Għandha ssir talba wkoll lil TM għal zebra crossing fil-parti ta' fuq fi Triq Bella Vista kantuniera ma’ Vjal ir-Riħan. Għandu jsir rapport ukoll lill-Enemalta rigward arblu tad-dawl bis-sadid.

8.3 Is-Sinjura Rita Saliba ilmentat b'ħafna boroż tar-rubbish f'biċċa art privata fi Triq J F Marks. Ġie deċiż li jsir rapport lis-Sanità

8.4 Is-Sur Mikhail Micallef ilmenta li qed ikun hemm ħafna boroż fi Triq it-Torri kantuniera ma’ Triq il-Qasab. Għandha tintbagħat reminder lill-blokka tal-flats ġodda bil-ġranet u l-ħinijiet ta' ġbir. Hu lmenta wkoll fuq drainage li qed jinħareġ fi Triq R Caruana Dingli. Il-Kunsill ġie nfurmat li diġà sar rapport fuq din is-sit u siti ohra. Hu lmenta wkoll fuq bankina mkissra minn kuntrattur tal-bini. Ġie deċiż li tintalab d-depożitu mill-PA ta' dan il-kuntrattur.

## 9 Għeluq il-Laqgħa

9.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 27 ta' Gunju 2016 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |